MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 162/2014 LM

**Darrin Muliett u Lorna Muliett**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Saviour Galea**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Saviour Galea (K.I. nru. 499468M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], minn sentenza mogħtija fid-29 ta' Novembru, 2023 [minn issa 'l quddiem 's-sentenza appellata'], mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], li ddeċidiet it-talbiet tal-

atturi **Darrin Muliett** u **Lorna Muliett** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'] fil-konfront tal-konvenut, kif ġej:

> *"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:*
>
> *1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;*
>
> *2. Konsegwentement, tilqa' t-talba tal-atturi u għalhekk tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef, ħames mija u tletin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€4,530.55), bl-imgħax mill-10 ta' Ġunju, 2014, data tan-notifika tal-avviż promutur, sad-data tal-pagament effettiv;*
>
> *L-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu subiti mill-konvenut."*

## Fatti

2. Permezz tat-talba tagħhom quddiem l-Ewwel Qorti, l-atturi talbu li l-konvenut ikun ikkundannat iħallashom l-ammont ta' erbat elef, ħames mija u tletin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€4,530.55) rappreżentanti danni sofferti minnhom konsegwenza ta' xogħol ħażin li sar mill-konvenut meta dan poġġa l-madum fir-residenza tagħhom.

3. Il-konvenut wieġeb li t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex ix-xogħlijiet minnu saru skont is-sengħa u l-arti, u għalhekk it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

## Is-Sentenza Appellata

4. Permezz tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-29 ta' Novembru, 2023, din iddeċidiet billi laqgħet it-talbiet tal-atturi, filwaqt li ċaħdet l-

eċċezzjonijiet tal-konvenut, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Il-Fatti***

*7. Il-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:*

*i. L-atturi kienu inkarigaw lill-konvenut sabiex iwettaq xogħol ta' tqegħid ta' madum fil-fond tagħhom. Dan il-madum kien tat-tip* gres rectified *b'qies ta' 80ċm x 80ċm.*

*ii. L-attur Darrin Muliett xehed li l-konvenut kien ukoll inkarigat sabiex jieħu ħsieb li tinġieb it-torba fil-fond fejn kellu jitwaħħal il-madum. Spjega li l-konvenut kien qallu biex ma jxarrabx it-torba għaliex jekk jagħmel dan il-konvenut kien isibha iebsa meta jiġi biex ipoġġi l-madum. Xehed li l-konvenut kien qallu wkoll li ma kienx hemm il-ħtieġa li ssir sodda tal-konkos taħt il-madum għaliex skont il-konvenut dan kien xogħol żejjed. Kompla jixhed li l-konvenut l-ewwel beda bix-xogħol fil-pjan terran u li x-xogħol kien jidher li qiegħed isir sewwa. Qal li meta l-konvenut kien beda bix-xogħol fil-pjan sotterran, kien innota li l-ħxuna fil-fili bejn il-madum kienet tvarja. Spjega li meta ġibed l-attenzjoni tal-konvenut dwar dan, il-konvenut kien qallu li kien ser jiftaħ il-fili biċ-chaser, iżda meta l-konvenut għamel dan il-madum beda jixxellef.*

*iii. L-attur kompla jixhed li waqt li l-konvenut kien għaddej b'dawn ix-xogħlijiet, huwa kien induna li l-madum imqiegħed mill-konvenut fil-pjan terran kien għamel moviment fis-sens li partijiet mill-madum kien beda jinżel 'l isfel. Qal li meta talab spjegazzjoni lill-konvenut dan kien qallu li ma kienx jaf x'ġara għaliex din kienet l-ewwel okkażjoni fejn kien qiegħed madum tal-qies 80ċm x 80 ċm tant li l-konvenut kien qallu li kien issellef giljottina mingħand terzi biex ikun jista' jaħdem. L-attur kompla jixhed li meta ra dan huwa kien qal lill-konvenut sabiex ma jkomplix bix-xogħlijiet. Spjega li l-atturi permezz tal-avukat difensur tagħhom kienu interpellaw lill-konvenut sabiex jaqla' dan il-madum li kien twaħħal b'mod ħażin. Xehed li stante li ma kinux irċevew ebda risposta mingħand il-konvenut, u peress li ma setgħux jistennew aktar għaliex dak iż-żmien kienu qegħdin jikru residenza alternattiva, l-atturi kienu inkarigaw terzi sabiex jaqilgħu dan il-madum u jqiegħdu madum ieħor minfloku. (fn. 1: Ara x-xhieda tal-attur mogħtija waqt l-aċċess miżmum mill-perit tekniku a fol. 64 tal-proċess, ix-xhieda in eżami mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Ġunju, 2015 a fol. 82 tal-proċess, u x-xhieda in kontro-eżami mogħtija waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu, 2016, a fol. 95 tal-proċess).*

iv. *Il-Perit Philip Micallef, perit* ex parte *tal-atturi, wara li spezzjona x-xogħlijiet imwettqa mill-konvenut ikkonkluda li:*

"1. The flooring is not laid level and there is an overall change in level of circa 2cm.
2. The alignment between the daily laying has been mistakenly calculated and subsidence due to drying has occurred after the tiles have been laid. This has resulted in a change in level between tiles which varies circa 2-3 mm. This defect can be easily noted as one walks over the tiles." *(fn. 2: ara r-rapport tal-Perit Philip Micallef a fol. 150 tal-proċess)*

v. *Il-konvenut xehed illi huwa ma kellu ebda diffikultà biex iqiegħed il-madum tal-qies li kellhom l-atturi u li fil-passat kien qiegħed madum akbar minnu. Il-konvenut ikkonferma li l-ftehim mal-atturi kien li jintużaw* spacers *ta' 2mm. Xehed li x-xogħol kien sar minnu u minn ibnu Nicholai Galea. Spjega li fl-ewwel ġurnata huwa kien qiegħed is-sieq u qal lill-atturi sabiex jiġu jaraw ix-xogħol, u li dawn kien għoġobhom u qalulu li seta' jkompli. Qal li huwa kien ixarrab it-torba waqt li jkun għaddej bix-xogħol u li kien qal lill-attur biex ma jxarrabhiex għaliex l-ewwel din tkun trid tiġi invellata. Xehed li fi żmien ġimgħa kien lesta x-xogħol fil-pjan terran u li matul dik il-ġimgħa l-attur kien jiġi kuljum u qatt ma ġibidlu l-attenzjoni li x-xogħol ma kienx qiegħed jogħġbu. Kompla jgħid li kien lesta wkoll l-i*skirting *u l-*grouting *tal-pjan terran.*

vi. *Il-konvenut kompla jixhed li meta ġie biex jibda jqiegħed il-madum fil-pjan sotterran, huwa kien talab lill-attur iħallsu somma ta' €1,000. Xi ġimgħa wara l-attur kien ħallsu €500. Qal li lill-attur kien ġibidlu l-attenzjoni li l-madum li l-atturi kienu akkwistaw għall-pjan sotterran kien ivarja fil-qies u għalhekk ma setax jitpoġġa bil-fil ta' 2mm. Xehed li xi żmien wara kien ċempillu l-attur u qallu biex jieħu l-perit tiegħu għaliex kien ġara xi ħaġa fil-madum, iżda imbagħad fid-data mifthiema l-attur kien ser isiefer. Qal li meta l-attur reġa' ċempillu kienu għaddew ħafna xhur. (fn. 3: ara x-xhieda tal-konvenut mogħtija waqt l-aċċess miżmum mill-perit tekniku a fol. 64 tal-proċess, waqt is-seduta tal-14 t'April, 2016 a fol. 100 tal-proċess u l-kontro-eżami tiegħu a fol. 106, fol. 116 u fol. 123 tal-proċess)*

vii. *Nicholai Galea xehed li huwa kien imur jgħin lil missieru l-konvenut meta dan kien qiegħed jaħdem fil-fond tal-atturi. Xehed li l-attur kien imur spiss waqt ix-xogħol u kien jgħid lil missieru li x-xogħol kien qiegħed jogħġbu. Spjega li huma kienu qiegħdu l-madum kollu fil-pjan teran, waħħlu l-i*skirting *u għamlu l-*grouting. *(fn. 4: ara x-xhieda ta' Nicholai Galea waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju, 2016 a fol. 103 tal-proċess)*

viii. *Fir-relazzjoni tiegħu, il-perit tekniku Alistair Avallone ikkonkluda,* inter alia*, hekk: (fn. 5: ara l-konklużjonijiet kollha tal-perit tekniku a fol. 58 tal-proċess)*

- L-esponent m'għandux il-prova ċerta li fil-fatt wara li kien tqiegħed il-madum mill-konvenut, kienu rriżultaw diversi difetti. L-aħjar u l-unika prova hija x-xhieda ġuramentata tal-Perit Micallef, imqabbad mill-attur, li kien evidenza hu stess id-difetti msemmija fir-rapport preżentat bl-affidavit anness b'referenza (Dok. D).
- Mill-esperjenza tal-esponent u minn pariri li ngħata minn persuna oħra li jqiegħdu l-madum, is-sengħa titlob li madum kbir gres idealment għandu jitqiegħed bil-kolla fuq sodda tal-konkos invellata. Madanakollu, f'każ li ma ssirx sodda tal-konkos, is-sengħa titlob li tal-inqas it-torba ta' taħt il-madum gres, partikolarment b'qisien kbar bħal dan tal-80ċm x 80ċm, għandha tiġi mwittija u mxarrba sew għal darba darbtejn xi ftit jiem qabel jitqiegħed il-madum sabiex tilħaq toqgħod, tissettja u tballat sewwa. Barra minn hekk, hija l-prattika ġenerali li t-torba terġa' tixxarrab waqt it-tqegħid tal-madum bit-tajn u l-kolla sabiex jiġi żgurat li din ma tkunx xotta u li b'hekk ma tiġbidx il-madum 'l isfel.
- Fil-fehma tal-esponent, il-konvenut, bħala l-espert inkarigat mill-attur għat-tqegħid tal-madum, kien obbligat li jagħti parir u jinforma lill-attur dwar il-ħtieġa li tingħata sodda tal-konkos invellata sabiex fuqha jitqiegħed il-madum bil-kolla, altrimenti, ried jinforma lill-attur dwar il-ħtieġa ta' torba mxarrba u mballta sew qabel jibda jitqiegħed il-madum.
- Is-sengħa titlob ukoll li, in ġenerali, spacers li jintużaw għal dan il-kobor ta' madum ikunu tal-anqas 3 jew 4mm, peress li bi spacers ta' 2mm hemm iċ-ċans li l-madum jagħmel moviment ladarba ma jkollux spacing biżżejjed biex jakkomoda l-expansions / contractions tiegħu. Tant li fuq il-kaxxi tal-kartun tal-madum stess ta' per eżempju qisien 60 b'60 ċm, ġeneralment ikun hemm miktub li spacers ta' 3mm għandhom jintużaw.
- Jekk kif stqarr il-konvenut li qabel beda x-xogħol, kien hemm ftehim bejniethom li l-fili tal-madum kellhom ikunu 2mm, l-esponent huwa tal-fehma li l-konvenut, bħala l-persuna esperta inkarigata mill-attur għat-tqegħid tal-madum, kellu l-obbligu jinforma lill-attur li mill-esperjenza u s-sengħa kienet titlob 'spacing' ta' fili ftit ikbar minn 2mm.
- Iktar ma l-maduma tkun kbira, iktar l-ispacer trid tkun kbira u għalhekk, spacers ta' madwar 3 sa 4mm huma meħtieġa għal madum ta' qisien 80 b'80ċm. Għalhekk, bil-konfermazzjoni tal-konvenut li kien uża spacers ta'

2mm, dan seta' wkoll wassal sabiex il-madum għamel il-movimenti li stqarr l-attur, minħabba n-nuqqas ta' spacing adegwat.

- L-esponent huwa tal-opinjoni li jistgħu jiġu preżentati taħt ġurament, ir-riċevuti tal-ispiża sabiex inqala' l-madum li kien qiegħed il-konvenut, biex saret is-sodda tal-konkos, u l-ispiża sabiex reġa' tqiegħed il-madum bil-kolla. Jinħass li din il-materja tista' tiġi eżawrita aktar fid-dettall. Madanakollu, l-esponent hu tal-opinjoni li l-ammont ta' €4,530.55 li għandu jitħallas l-attur, rappreżentant danni sofferti minnu kaġun tax-xogħol tal-konvenut, hu raġonevoli meta wieħed jikkonsidra l-ispejjeż li saru sabiex inqala' l-madum, u reġa' tqiegħed madum ġdid fuq is-sodda tal-konkos li saret."

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

*8. Permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu li jitħallsu s-somma ta' €4,530.55 rappreżentanti danni allegatament sofferti minhom b'kawża ta' xogħol ta' tqegħid ta' madum eżegwit mill-konvenut u li l-atturi jikkontendu li ma kienx skont is-sengħa u l-arti. Da parti tiegħu, il-konvenut jeċċepixxi li huwa eżegwixxa x-xogħol tiegħu skont is-sengħa u l-arti u li għalhekk it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda.*

*9. Mill-atti proċesswali joħroġ b'mod ċar il-kunflitt fil-verżjonijiet tal-partijiet dwar il-kwalità tax-xogħlijiet eżegwiti mill-konvenut. Filwaqt li minn naħa l-waħda l-attur xehed li huwa kien waqqaf lill-konvenut mill-inkarigu meta intebaħ li kienu qegħdin jemerġu diversi difetti fix-xogħol, min-naħa l-oħra l-konvenut jikkontendi li ma kienx l-attur li waqqfu iżda li kien hu stess li ma kompliex bix-xogħlijiet fil-pjan sotterran għaliex kien hemm varjazzjoni fil-qisien tal-madum f'dan il-livell.*

*10. Huwa prinċipju ben assodat illi f'kawżi ta' natura ċivili meta rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet li huma kunfliġġenti, jew saħansitra opposti għal xulxin, il-ġudikant għandu jeżamina jekk xi waħda minn dawk il-verżjonijiet teskludix lill-oħra u dan fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità, tal-konsistenza u verosimiljanza. F'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi nomine**, deċiża fit-28 t'April, 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (fn. 6: per Imħallef Philip Sciberras, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza mogħtija fid-19 ta' Ġunju, 2006) ingħad illi:*

> "Huwa ben magħruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew ineżattezzi fil-provi għandhom iħallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fihom ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta jew ikollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo;

> Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. (Vol. XXXVI P. I p. 319)."

11. *Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Maria Xuereb et vs Clement Gauci et****, deċiża fl-24 ta' Marzu, 2004 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (fn. 7: per Imħallef Philip Sciberras) ingħad illi:*

> "Huwa paċifiku f'materja ta' konflitt ta' verżjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:
>
> 1) Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra;
> 2) Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "Actore non probante reus absolvitur".
>
> ...
>
> Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità, u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Kollez. Vol. L p. II p. 440.)"

*12. B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-provi mressqa fl-atti ta' din il-kawża, il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li f'dan il-każ għandha tagħti kredibilità lill-verżjoni tal-atturi u dan għas-segwenti raġunijiet. Fl-ewwel lok jirriżulta li l-verżjoni tal-atturi ġiet korroborata mill-Perit Philip Micallef, perit* ex parte *tal-atturi, li aċċeda fuq il-post u kkonstata huwa stess id-difetti fix-xogħol tal-madum li kien ġie mqiegħed fil-fond tal-atturi. Il-Perit Micallef irrediġa rapport li jinkludi fih ritratt li juri d-diżlivell li minnu kienu qegħdin jilmentaw l-atturi. (fn. 8: ara r-rapport tal-Perit Philip Micallef a fol. 150 tal-proċess) Fix-xhieda tiegħu quddiem il-perit tekniku, il-Perit Micallef kompla jispjega hekk:* "Meta kont mort fuq il-post, kont innutajt diversi difetti bħal xfur u

diżlivell bejn il-madum, u qlib in ġenerali tal-art. Meta kont rajt ix-xogħol, dawn ix-xfur kienu bejn tqegħid ta' ġurnata u ta' ġurnata oħra."

*13. Fit-tieni lok, mill-konklużjonijiet tal-perit tekniku jirriżulta li meta l-madum ikun ta' qies bħal ma kien dak installat mill-konvenut jew akbar, is-sengħa tirrikjedi li l-madum jitqiegħed fuq sodda tal-konkos u mhux fuq it-torba. Mill-istess konklużjonijiet jirriżulta li eżerċizzju alternattiv huwa jekk il-madum ikun ser jitqiegħed fuq it-torba, din għandha tiġi mxarrba sew, titballat, u titħalla toqgħod qabel ma jiġi mwaħħal il-madum. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-konvenut ma applikax l-ebda wieħed minn dawn il-metodi u minflok beda jxarrab it-torba waqt l-andament tax-xogħol. Addirittura jirriżulta li meta l-attur issuġġerixxa li ssir is-sodda tal-konkos, il-konvenut kien qallu li dak kien xogħol żejjed.*

*14. Fit-tielet lok, mill-istess konklużjonijiet tal-perit tekniku jirriżulta li f'każ ta' madum kbir bħal ma kien poġġa l-konvenut fil-fond tal-atturi, huma meħtieġa* spacers *ta' madwar 3 mm sa 4 mm mentri l-konvenut, fuq ammissjoni tiegħu stess, uża* spacers *ta' 2 mm. Skont il-perit tekniku dan ukoll seta' wassal sabiex il-madum għamel il-movimenti li minnu jilmentaw l-atturi. Fix-xhieda tiegħu in eskussjoni, il-perit tekniku kompla jispjega li* spacers *ta' 2mm jistgħu jiġu utilizzati f'każ fejn il-kmamar ikunu iżgħar u allura l-effett tal-moviment tal-madum ikun inqas.*

*15. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut jittenta joħloq dubju dwar il-kwalifiċi tal-perit tekniku u l-konklużjonijiet raġġunti minnu. F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota li minkejja l-kritika tiegħu, il-konvenut ma ressaq ebda prova teknika li tirribatti r-rapport tal-perit tekniku inkarigat minnha u lanqas talab il-ħatra ta' periti addizzjonali. Hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna fir-rigward ta' konklużjonijiet magħmula minn periti tekniċi, li għalkemm il-Qorti mhix marbuta li tadotta tali konklużjonijiet, madanakollu dawn lanqas għandhom jiġu mwarrba jekk mhux għal raġunijiet li jirriżultaw mill-provi in atti. Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprovdi għal rimedji f'ċirkostanzi fejn parti ma taqbilx mar-rapport ta' perit tekniku, fosthom dak li titlob il-ħatra ta' periti addizzjonali. Madankollu dik il-parti li ma taqbilx mal-kontenut ta' dak ir-rapport u li ma tkunx għamlet użu mir-rimedji provduti fil-liġi, ma tistax imbagħad tippretendi li l-Qorti twarrab dak ir-rapport, partikolarment meta dan ikun magħmul minn espert tekniku inkarigat biex jeżamina l-kwistjoni teknika.*

*16. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Giswarda Bugeja et vs Emanuele Muscat et*** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Ġunju, 1967, ġie ritenut illi:*

> "In ġenerali tajjeb ukoll li jiġi rilevat illi għalkemm hu veru li fid-dritt (artikolu 681 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) il-Qorti mhix

> marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tagħha innifisha (*"dictum ex-pertorum numqum transit in rem judicatam")* u l-konklużjonijiet peritali huma bħal materji struttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, b'danakollu il-*"giudizio dell'arte"* espress mit-tekniku ma jistax u m'għandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakoltà lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment ammenokke' ma jkunx jidher sodifaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli."

*17. Il-Qorti tqis li l-konvenut kellu l-obbligu illi jwettaq xogħlu b'mod tajjeb, skont l-arti u s-sengħa u b'garanzija għall-kwalità tal-istess xogħol eżegwit minnu. L-obbligu fuq il-konvenut, bħala l-persuna inkarigata mill-attur sabiex jesegwixxi appalt li jirrikjedi ċertu livell ta' sengħa, kien jinkludi dak li jindika lill-attur l-aħjar mod kif jiġi eżegwit ix-xogħol u mhux bil-maqlub. B'żieda ma' dan, il-Qorti tqis li ma hijiex skuża għall-konvenut li jgħid li l-atturi kienu jaċċedu fuq il-post ta' kuljum waqt li huwa kien qiegħed ipoġġi l-madum fil-pjan terran u li qatt ma kienu lmentaw miegħu dwar il-kwalità tax-xogħol. Dan qiegħed jingħad għaliex l-appaltatur ma jistax jeħles mir-responsabbilità tiegħu għax-xogħol magħmul minnu billi jargumenta li ħadd ma waqqfu u dan in vista tal-obbligi legali u kuntrattwali assunti minnu meta aċċetta l-inkarigu mogħti lilu. Kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (fn. 9: per Imħallef Philip Sciberras) fis-sentenza tagħha* ***Joseph Brownrigg nomine vs Mario Spiteri****, deċiża fis-27 ta' Ġunju, 2003, l-appaltatur mhuwiex meħlus mir-responsabbilità avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xogħol. Il-verfika u l-approvazzjoni ġeneralment isiru għall-finijiet tal-ħlas, iżda b'daqshekk ma jiġix eżonerat mir-responsabbilità jekk nonostante kontroll diliġenti fil-mument tal-verifika, 'il quddiem jinstab li x-xogħol ma sarx sew.*

*18. Fir-rigward tal-quantum tad-danni pretiżi mill-atturi, il-Qorti tinnota li għalkemm mill-atti ma jirriżultax li ġew prodotti r-riċevuti tal-ispejjeż inkorsi mill-atturi sabiex jinqala' l-madum impoġġi mill-konvenut, issir sodda tal-konkos u jiġi mpoġġi madum ġdid, fil-konklużjonijiet tiegħu l-perit tekniku spjega li l-ammont pretiż mill-attur huwa wieħed raġonevoli tenut kont tax-xogħol involut. Stante li ma ġiet prodotta ebda prova oħra li b'xi mod għandha twassal lil din il-Qorti sabiex tiskarta l-ġudizzju espress mill-perit tekniku, il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' t-talba tal-atturi fl-intier tagħha."*

**L-Appell**

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-28 ta' Diċembru, 2023, il-konvenut talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, filwaqt li tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi.

6. L-appellant qal li fl-ewwel lok irid jiġi rilevat li kienu l-appellati li qabbduh jagħmel il-madum fil-fond tagħhom f'Ħal Tartarni, Ħad-Dingli, u l-madum kellu jitqiegħed f'sular wieħed. Qal ukoll li l-prezz miftiehem bejn il-partijiet kien ta' LM3.50 għal kull metru kwadru. L-appellant qal li l-madum li kien ser jaħdem fuqu kien ta' daqs 80ċm x 80ċm, u dan kien tat-tip *gres polished rectified.* L-appellant spjega li wara li huwa qiegħed il-madum tal-bidu, l-appellati marru fuq il-post u indikaw li x-xogħol kien għoġobhom, u huwa għamel ġimgħa jqiegħed il-madum, u l-appellati kuljum marru fuq il-post u indikaw li x-xogħol kien għoġobhom. L-appellant qal li huwa qiegħed il-madum kollu fil-pjan terran, u wara beda jqiegħed madum ieħor ta' daqs differenti fil-*basement,* u kien hawn li bdew il-kwistjonijiet bejn il-partijiet għaliex ix-xogħol ma setax jiġi sew jekk mhux b'xi modifiki, peress li l-madum tal-*basement* ma kienx tal-kwalità meħtieġa. L-appellant qal li huwa insista li kellu jitħallas għax-xogħol li għamel fil-pjan terran, iżda li l-appellati ma ridux iħallsu, u kien hemmhekk li l-appellat beda jallega li l-madum fil-pjan terran ma kienx invellat u li kien hemm xi differenzi. L-appellant qal li huwa għamel diversi tentattivi sabiex jieħu lill-perit tiegħu jispezzjona x-xogħol, iżda l-appellat baqa' ma tahx aċċess, anzi ddikjara li kien qabbad lil ħaddieħor jagħmel xogħol rimedjali qabel l-appellant seta' jaċċedi mill-ġdid fil-fond mal-perit tiegħu. L-appellant qal li l-appellati istitwew dawn il-proċeduri

sabiex jitħallsu għall-ispejjeż tal-madum il-ġdid, tal-materjal u tax-xogħol li kellhom jagħmlu sabiex tqiegħed mill-ġdid il-madum fil-pjan terran.

7. L-appellant qal li l-appellati ma pproduċew l-ebda prova sabiex juru li fil-fatt ħallsu tax-xogħol rimedjali. Qal li sabiex sar l-allegat xogħol rimedjali, kellu jinxtara madum ġdid, kellu jinxtara materjal ġdid għas-sodda tal-konkos li allegatament saret, u kellu jitħallas il-ħaddiem li qiegħed il-madum. L-appellant qal li d-dettalji dwar kif sar dan ix-xogħol huma verament bażiċi. Qal li kull ma wieġeb l-appellat fil-kontro-eżami li sarlu, dwar min kien qiegħed il-madum mill-ġdid, li dan il-persuna kien ċertu Eddie, imma l-appellat ma pproduċa l-ebda prova permezz ta' irċevuta għax-xiri tal-madum ġdid, tal-materjal u tal-ħlas li sar lil dan Eddie. L-appellant qal li anki l-Perit Tekniku nnifsu indika li kien hemm bżonn tal-preżentata ta' irċevuti u/jew dokumenti li juru n-nefqa li saret sabiex din il-parti tar-relazzjoni setgħet tiġi verament eżawrita, iżda minkejja dan il-Perit Tekniku xorta waħda kkonstata li l-ammont ta' €4,530.55 li talab l-appellat, huwa raġonevoli. Qal li din id-dikjarazzjoni però, ma kellhiex tissostitwixxi l-ħtieġa li jiġu prodotti provi li juru verament x'kienet in-nefqa. L-appellant żied jgħid li huwa inverosimili li l-appellati ma żammewx irċevuti tal-madum il-ġdid li nxtara minnhom, u ta' dak li ħallsu għat-tqegħid tal-madum il-ġdid, jekk verament kienu jemmnu li din hija kwistjoni li wieħed għandu jiftaħ kawża dwarha. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti kellha tesiġi li l-appellati jressqu provi li juru kemm kienu l-ispejjeż li ntefqu minnhom, imma dan ma sarx. Minflok l-Ewwel Qorti ddikjarat li ladarba ma tressqet l-ebda prova li tindika li hija kellha tiskarta l-fehma tal-Perit Tekniku, hija kienet ser tgħaddi biex tilqa' t-talba tal-appellati fl-intier tagħha. L-appellant qal li dan mhux ġust għaliex dan ifisser li l-prova tan-nefqa li saret mill-

appellati ġiet addossata fuqu. Qal li huwa ma kienx jaf x'materjal u madum uża l-appellat, u lil min qabbad u dan kemm żammlu tax-xogħol, dejjem jekk dan verament kellu jsir mill-ġdid. Qal li huwa min jallega d-dannu u n-nefqa, li għandu l-oneru li jressaq il-prova, u mhux bil-kontra. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti qalet li ma kellhiex għalfejn tiskarta l-ġudizzju tal-perit tekniku, iżda n-nuqqas ta' dokumenti u irċevuti f'dan ir-rigward, kellhom għalfejn iwasslu lill-Qorti sabiex titħasseb dwar dak allegat mill-appellat, u dan għaliex il-prova kellha titressaq mill-parti u mhux mill-perit tekniku.

8. L-appellant qal li anki l-provi mressqa mill-appellati dwar l-entità tax-xogħlijiet, huma minimi ħafna. Qal li l-appellati naqsu milli jindikaw kemm kien il-metraġġ tal-madum li nqala' u li reġa' tpoġġa mill-ġdid, iżda qalu biss li qalgħu l-madum u reġgħu għamluh. L-appellant qal li kieku dan sar verament, l-apellati kellhom jagħtu rendikont tax-xogħol li għamlu, kemm għamlu xogħol, u fhiex kien jikkonsisti dan ix-xogħol. Qal li dettalji dwar dan ma ngħatawx, u l-Perit Tekniku kellu jistrieħ biss fuq assunzjonijiet u mhux fuq ċifri reali, u l-Perit Tekniku ma tax raġunijiet sodisfaċenti għalfejn ikkonkuda li l-ispiża reklamata mill-appellati hija waħda raġonevoli.

9. L-appellant qal li huwa ċar li l-Perit Tekniku straħ għal kollox fuq dak li xehed il-perit *ex parte* inkarigat mill-appellati, il-Perit Philip Micallef, li xehed li kien ra xi xfar fil-livelli tal-madum bejn it-tqegħid ta' ġurnata u t-tqegħid ta' ġurnata oħra. Qal li l-perit ikkonkluda li dan kien dovut għall-fatt li taħt il-madum ma saritx sodda tal-konkos, iżda il-madum sempliċiment tqiegħed fuq it-torba. L-appellant qal li dan il-perit xehed li huwa ma kienx jaf x'hemm taħt il-madum, u qagħad biss fuq l-appellat li qallu x'hemm. L-appellant qal li l-Perit Tekniku

kkonkluda li l-madum tqiegħed fuq it-torba skont dak li qallu l-Perit Micallef, meta fil-fatt jirriżulta li lanqas il-Perit Micallef ma kellu għarfien dwar dan. L-appellant qal li għalhekk il-perit tal-appellati għamel biss eżami superfiċjali tax-xogħol imwettaq minnu, u naqas milli jindaga x'kien hemm taħt il-madum. Qal li ladarba l-madum kien ser jinqala' sabiex jitqiegħed ieħor ġdid, ma kellu jkun hemm l-ebda problema għall-appellati li jaqilgħu l-madum u jħallu lill-perit jara x'hemm taħtu, iżda li dan ma sarx, u dan ukoll iqajjem dubji serji dwar jekk dak allegat mill-appellati huwiex minnu. L-appellant qal li l-appellati ilmentaw li x-xogħol difettuż kien fil-*living room,* u jekk dan kien il-każ, l-appellati ma kellhomx għalfejn jitolbu kumpens għall-bdil tal-madum ta' post sħiħ. L-appellant qal li dan aktar u aktar meta l-perit tal-appellati ddikjara li d-diżlivell kien bejn it-tqegħid ta' ġurnata u t-tqegħid tal-ġurnata ta' wara, u b'hekk setgħu jiġu mminimizzati l-ispejjeż billi jinqala' l-madum li ma kienx livellat bejn ġurnata u oħra, u jitqiegħed mill-ġdid dak il-madum biss, u mhux jinbidel il-madum ta' post sħiħ.

10. L-appellant qal ukoll li huwa ma jistax jifhem għal liema raġuni l-Perit Tekniku fir-rapport tiegħu qal li t-torba ma kinitx ixxarrbet minn qabel, u din baqgħet tixrob wara t-tqegħid, sabiex b'hekk il-madum beda jinġibed. L-appellant qal li huwa spjega li t-torba kienet ixxarrbet minn qabel, u dan skont is-sengħa u l-arti. Qal li in eskussjoni, il-Perit Tekniku ammetta li huwa ma jifhimx fil-madum, u għalhekk kellu jirrikorri għand xi nies sabiex jistaqsi l-opinjoni tagħhom dwar it-tip ta' xogħol li sar mill-appellant. Minkejja dan, il-Perit Tekniku naqas milli jidentifika min kienu dawn in-nies li taw l-opinjoni tagħhom. L-appellant qal li l-Perit Tekniku kien il-persuna fdata biex tagħmel ir-relazzjoni teknika, u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tevalwa jekk ir-rapport peritali kienx ta' għajnuna anki minn

aspett tekniku, u dan għaliex ix-xogħlijiet li ra l-Perit Tekniku kienu lesti, u t-tieni għaliex il-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Perit Tekniku kienu bbażati fuq l-opinjoni ta' ħaddieħor. Qal ukoll li l-Perit Tekniku applika l-konklużjonijiet tiegħu għall-postijiet kollha fejn tqiegħed il-madum, mingħajr distinzjoni jekk dan kienx fil-pjan terran jew fil-*basement,* meta bejn post u ieħor kien hemm madum differenti ta' daqs differenti. L-appellant qal li minkejja li l-Perit Tekniku allega li huwa kellu x'jaħbi meta ma ħax il-perit tiegħu fuq il-post, dan ma kienx minnu għaliex huwa kien għamel appuntament mal-perit tiegħu sabiex imorru fuq is-sit flimkien. Qal ukoll li l-Perit Tekniku ma kellu l-ebda raġuni għalfejn jikkonkludi li huwa ma kellux esperjenza fit-tqegħid ta' madum ta' dan il-kobor, sempliċiment għaliex issellef biċċa għodda mingħand qarib tiegħu.

11. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti kellha raġunijiet suffiċjenti sabiex tiddipartixxi mill-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Perit Tekniku, li qagħad fuq dak li rrelata l-perit *ex parte* Philip Micallef, li min-naħa tiegħu naqas milli jikkonferma l-informazzjoni li ngħata. L-appellant qal li anke li kieku l-Perit Tekniku kkonstata li sar xogħol difettuż, dan kellu jipprova jillokalizza d-difett u mhux japplika l-konklużjonijiet tiegħu għal post sħiħ.

12. L-appellant għamel riferiment ukoll għal dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, fejn ingħad li huwa rrimetta ruħhu għar-rapport tal-Perit Avallone. Qal li huwa ma rrimetta ruħhu għal ebda rapport, u fil-fatt għamel eskussjoni lill-Perit. Qal ukoll li minkejja li l-Ewwel Qorti qalet li l-Perit Tekniku għamel nota ta' sottomissjonijiet, dan ma kienx il-każ, u l-unika nota ta' sottomissjonijiet li saret kienet tiegħu. Qal ukoll li allavolja huwa ma talabx għall-ħatra ta' periti addizzjonali, dan m'għandux jitqies bħallikieku huwa qabel mal-konklużjonijiet

tal-Perit Tekniku, u lanqas ma kellu jfisser li l-Ewwel Qorti kellha tadotta l-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku.

13. B'riferiment għall-mod kif l-Ewwel Qorti ordnat li l-imgħax għandu jitħallas b'effett mill-10 ta' Ġunju, 2014, l-appellant qal li dan m'għandux ikun, għaliex l-ammont ta' danni reklamati ma kienx wieħed ċert u kien għad irid jiġi likwidat, tant hu hekk li l-appellati naqsu milli jippreżentaw rendikont dwar kif ikkwantifikaw dawn id-danni. L-appellant qal ukoll li l-appellati qatt ma bagħtulu xi att uffiċjali bl-ammont preċiż pretiż minnhom, u talbu l-imgħax l-ewwel darba meta fetħu dawn il-proċeduri. Qal li sa dakinhar li ngħatat is-sentenza, l-appellati kienu għadhom ma llikwidawx b'mod sodisfaċenti d-danni pretiżi minnhom, u kellhom jistrieħu fuq il-konklużjonijiet tal-Perit Tekiku sabiex jikkonfermaw l-ammont li qegħdin jitolbu. L-appellant qal li għalhekk ma jkunx xieraq li huwa jiġi kkundannat iħallas aktar minn disa' snin imgħaxijiet, meta l-ammont allegatament dovut ġie likwidat biss wara s-sentenza tal-Ewwel Qorti fid-29 ta' Novembru, 2023. L-appellant qal ukoll li l-kawża kienet ilha mħollija għas-sentenza għal aktar minn ħames snin, u għalhekk ma jkunx ġust li huwa jintalab iħallas l-imgħaxijiet għal dan iż-żmien kollu, meta l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti s-sentenza tagħha fi żmien raġonevoli.

14. L-appellati ma ressqu l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

15. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-konvenut fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

*L-Aggravju:* *[L-analiżi tal-provi li saret mill-Ewwel Qorti u l-konklużjonijiet li waslet għalihom]*

16. L-appellant jibda billi jgħid li l-appellati ma ressqu l-ebda provi quddiem l-Ewwel Qorti, sabiex juru li kien hemm xiri ta' madum ġdid, xiri ta' materjal sabiex il-madum li tpoġġa minnu seta' jinqala' u jitwaħħal mill-ġdid, u provi li juru li sar ħlas lil terz sabiex dan jagħmel xogħol rimedjali fil-post tal-appellati. Qal li għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx tasal għall-konklużjoni li l-appellati kellhom jingħataw raġun fil-pretensjonijiet tagħhom, partikolarment meta anki l-Perit Tekniku inkarigat mill-Qorti rrimarka dwar il-fatt li l-appellati ma ressqu l-ebda provi dokumentarji in sostenn tal-pretensjonijiet tagħhom. Minkejja dan, l-Ewwel Qorti tat raġun lill-appellati u llikwidat id-danni li għandhom jitħallsu lilhom fl-ammont mitlub minnhom, wara li l-Perit Tekniku qal li t-talba tagħhom hija waħda raġonevoli.

17. Il-Qorti għandha diversi osservazzjonijiet x'tagħmel dwar dan l-aggravju u dwar il-konklużjonijiet li waslet għalihom l-Ewwel Qorti. Fl-ewwel lok, irid jingħad li kienu l-appellati li istitwew dawn il-proċeduri wara li ma kinux sodisfatti li x-xogħol ta' tqegħid ta' madum mill-appellant fir-residenza tagħhom sar skont is-sengħa u l-arti. L-appellati allegatament inkarigaw terz biex jagħmel ix-xogħol

rimedjali meħtieġ, u wara istitwew dawn il-proċeduri sabiex jirkupraw l-ispejjeż allegatament sofferti minnhom għax-xogħol rimedjali li kellhom jagħmlu. Il-Qorti tibda billi tirrileva li kien jinkombi fuq l-appellati l-oneru li jassiguraw li jżommu prova ta' kull irċevuta, ta' kull spiża li saret minnhom, u ta' kull komunikazzjoni li kellhom mal-persuna li għamlet ix-xogħol rimedjali, bħala prova li x-xogħol rimedjali sar u kemm sewa biex sar. Ġie eskluż, minn dak li jirriżulta mill-provi, li kwalsiasi xogħol rimedjali li sar fil-fond tal-appellati sar bl-istess tip ta' madum li kien waħħal l-appellant, hekk kif intqal diversi drabi waqt ix-xhieda li ngħatat, li l-*batches* tal-madum li twaħħlu mill-appellant kienu spiċċaw. Madankollu, meta sar l-aċċess fuq il-post fil-preżenza tal-appellant, dan ma setax jikkonferma jekk il-madum li kien hemm fil-post tal-appellati kienx l-istess madum li twaħħal minnu. Huwa minnu li hemm rapport ta' perit *ex parte* li jelenka d-difetti li kien hemm fix-xogħol li sar mill-appellant, imma prattikament din hija l-unika prova in atti li x-xogħol li sar mill-appellant kien fih xi difett. L-appellati istitwew dawn il-proċeduri sabiex jitolbu kumpens għad-danni sofferti minnhom minħabba fix-xogħol rimedjali li kellu jsir wara x-xogħol tal-appellant. L-appellati saħansitra jgħidu li kellhom jikru post ieħor għal xi żmien sakemm sar dan ix-xogħol, iżda minkejja dan ma nġabet l-ebda prova la tal-madum il-ġdid li allegatament inxtara, tal-post minn fejn inxtara u meta nxtara, tal-materjal ġdid li kellu jinxtara biex jitqiegħed taħt il-madum, u dettalji tal-persuna li għamlet ix-xogħol rimedjali meħtieġ. Lanqas ma nġabet prova li l-appellati għal xi żmien kellhom jikru post alternattiv. L-unika informazzjoni li ngħatat fir-rigward, kienet li dan l-individwu li allegatament għamel ix-xogħol rimedjali kien jismu 'Eddie', mingħajr ma ngħataw aktar dettalji u mingħajr ma dan l-individwu tressaq sabiex jixhed. Il-Perit Tekniku, fir-relazzjoni ppreżentata quddiem l-Ewwel Qorti, ukoll esprima d-

diżappunt tiegħu għan-nuqqas ta' provi dokumentarji miġjuba f'dan ir-rigward, imma minkejja dan huwa xorta waħda wasal għall-konklużjoni li l-ammont pretiż mill-appellati huwa wieħed raġonevoli. Il-Qorti tqis li l-Perit Tekniku aktarx wasal għal din il-konklużjoni wara li kkunsidra r-rati fis-suq għat-tqegħid tal-madum, u assuma li l-appellati qalgħu u bidlu l-madum tal-post kollu. Imma l-konklużjoni esperta tal-Perit Tekniku ma setgħetx tkun ibbażata fuq assunzjonijiet, u dan kellu jibbaża ruħhu almenu fuq dak li jirriżulta minn xi forma ta' prova miġjuba minn min għamel it-talba, jiġifieri mill-appellati. Il-Qorti tqis li l-appellati naqsu milli jissodisfaw il-grad tal-prova meħtieġ f'sitwazzjonijiet bħal dawn, fejn il-partijiet jieħdu pożizzjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin, u fejn hemm dubju saħansitra jekk hux minnu li kellu jinqala' l-madum ta' post sħiħ biex isiru x-xogħlijiet rimedjali.

18. Il-Qorti tqis li l-appellati sabiex jingħataw raġun fil-pretensjonijiet tagħhom, kellhom jippreżentaw kopja tal-fatturi tal-materjal u tal-madum il-ġdid li nxtara, kopja taċ-*cheque* li permezz tiegħu tħallas dak li għamel ix-xogħol mill-ġdid, dettalji tal-metraġġ tal-madum li nqala' u li kellu jinbidel, hekk kif mill-provi jirriżulta li l-appellati ma kinux kuntenti l-aktar bix-xogħol li sar f'kamra waħda minn post sħiħ, u dettalji ċari dwar għal liema raġuni l-Perit Tekniku kkonkluda li l-ispiża mitluba mill-appellati hija waħda raġonevoli. Il-Qorti qieset li l-Perit Tekniku għamel ir-rapport tiegħu wara li aċċeda fuq il-post meta x-xogħol kien lest, u għalhekk huwa ma kienx ra l-allegati difetti fix-xogħol tal-madum li kien sar mill-appellant. Barra minn hekk il-Perit Tekniku qal li huwa tkellem ma' persuni li jifhmu fix-xogħol tal-madum u ħa l-opinjoni tagħhom, li fil-fehma tal-Qorti ma kellux iwassal għall-konklużjoni li l-appellati kellhom jingħataw raġun

fil-pretensjonijiet tagħhom. Illi għalhekk l-Qorti tibqa' mhijiex moralment konvinta li l-appellati kellhom raġun fil-pretensjonijiet tagħhom, hekk kif l-oneru tal-provi kien jaqa' kompletament fuqhom, imma l-provi miġjuba minnhom, ossija n-nuqqas ta' tali provi, bl-ebda mod ma jsostnu l-pożizzjoni li ħadu l-appellati f'dawn il-proċeduri. Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, u in vista tan-nuqqasijiet fil-provi, qiegħda tiddeċiedi li l-appellati ma rnexxilhomx jippruvaw id-dannu allegatament imġarrab minnhom, jew li huma kellhom jagħmlu xogħol rimedjali estensiv sabiex jirranġaw ix-xogħol li kien sar mill-appellant. Quddiem dan in-nuqqas fil-kwalità u fil-kwantità tal-provi miġjuba, din il-Qorti ma tista' tagħmel xejn għajr li tilqa' l-aggravju sollevat mill-appellant, filwaqt li tiċħad it-talbiet tal-appellati. B'riferiment għad-data minn meta għandu jiġi kkomputat l-imgħax, din il-Qorti tirrileva li ladarba qiegħda tiddeċiedi li m'hemm l-ebda ammont li għandu jitħallas lill-appellati, m'hemmx lok fejn hija tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-imgħaxijiet, ladarba qiegħed jiġi deċiż li m'hemm l-ebda danni li jridu jitħallsu mill-appellant.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tilqgħu, u għalhekk qiegħda tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti, u tiċħad it-talbiet tal-atturi għaliex dawn ma rnexxilhomx jippruvaw id-dannu allegatament imġarrab minnhom.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**